MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Numru 13/1995

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sharon Tanti)**
**vs**

**MATTHEW CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer, fir-Rabat Malta, fix-xahar ta' Novembru 1994 u fit-tlett snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa lil Allison Pace ta' 10 snin u lil Analise Azzopardi ta' 10 snin.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 67 tal-atti) u li biha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-istess

imputat a bazi ta'din il-kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 203 (1) (a) (c) tal-Kodici Kriminali, baghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-istess akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi fl-ahhar ta' Dicembru 1994, Roberta Attard, 'social worker' kienet informat lil Ufficjal prosekutur (fol 18 u 51 seq ibid) illi zewg studentessi minorenni fl-arti, kienu allegaw illi l-ghalliem taghhom, l-akkuzat odjern, kien mess partijiet diversi ta' gisimhom waqt il-lezzjonijiet, fir-residenza tal-akkuzat. Ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet gew investigati billi l-istess Ufficjal Prosekutur tkellmet maz-zewg minuri nvoluti, ossija Allison Pace ta' 10 snin u Analise Azzopardi tal-istess eta. Allison Pace, difatti kienet qalet illi l-akkuzat "kien beda imissilha ('rubbing') sidirha (chest) u saqajha" sew fuq, kemm taht il-hwejjeg, oltre li jbusha fuq rasha u jgerfxilha xagharha u dan fil-presenza tal-minuri l-ohra. Allison Pace kompliet tghid li l-akkuzat ma kienx jaghmel dawn l-atti fuqha meta kienet tkun presenti ommha, li kienet ukoll tattendi lezzjonijiet tal-arti ghand l-akkuzat. Allison Pace kienet qalet wkoll li fil-kamra fuq il-bejt, fejn kienu jsiru l-lezzjonijiet, l-akkuzat kellu 'stampa ta' mara li kienet iddejjaqha' (ara dan id-dokument esebit mal-atti a fol 26 u mmarkat Dok ST). Dwar l-istess stampa, li fi kliem l-istess ufficjal prosekutur 'mhux pornografika' meta nstabet imwahhla mal-hajt mill-pulizija, din kienet mghottija bi stampa ohra, kif kienet ratha omm din il-minuri.

In rigward Analise Azzopardi (fol 30 et seq ibid) din kienet ilha tmur ghall-lezzjonijiet tal-arti ghand l-akkuzat ghal madwar tlett snin cioe minn mindu kellha tmien snin. Fil-konfront tal-akkuzat din kienet qalet lill-Ufficjal Prosekutur li l-akkuzat kien jipprova jmissilha sidirha u b'hekk hi kienet 'tpoggi idejha quddiemha'. In oltre, hu kien itella u jnizzel idejh ma' kuxtejha u jipprova jmiss il-qalziet ta' taht taghha. Minhabba li l-akkuzat kien jipprova jdahhal idu taht id-dublett taghha hi kienet bdiet tilbes qalziet twil. In oltre l-istess minuri semmiet ukoll li kien hemm l-imsemmija stampa li kienet 'iddejjaqha ghax kienet tisthi minnha'.

F'dan il-kaz kienet giet involuta l-imsemmija Roberta Attard, 'social worker', li da parti taghha kienet talbet liz-zewg minuri nvoluti sabiex jiktbu ittra, kull wahda, u li fiha kellhom jindikaw x'jahsbu dwar l-akkuzat. Dawn l-ittri jinsabu annessi mal-atti, fl-original, a fol 26 u mmarkati Dok ST1).

A bazi ta' dan, l-akkuzat kien gie arrestat u nvestigat. L-istess akkuzat kien cahad li ghamel dak kollu allegat fil-konfront tieghu waqt li qal li kien affezzjonat lejn l-istess minuri 'qishom kienu uliedi' u 'l-aktar li kien ghamel fil-konfront taghhom kienet xi taptipa fuq rashom, imissilhom rashom'. In rigward l-istampa msemmija, hu kien cahad li din kienet titghatta bi stampa ohra meta kien ikun hemm adulti u tinkixef meta kien ikun hemm il-minuri nvoluti (ara l-istqarrija rilaxxata minnu a fol 26 tal-atti mmarkata Dok ST2.

Ikkunsidrat

Illi Analise Azzopardi (fol 30 et seq ibid) xehedet fit-tul dwar dak li allegat fil-konfront tal-akkuzat, li kien jghallimha l-arti figurattiva ghal madwar tlett snin. Hi spjegat 'l-affarijiet li kienu jdejjquni waqt dawn il-lezzjonijiet'. Dawn kienu jikkonsistu kif ser jinghad testwalment. "... ... is-'sir' kien imissni, u dan daqqa fil-parti tieghi (minn taht il-hwejjeg) u daqqa l-istess 'sir' kien jipprova jmissni fuq sidri ... ...", kif ukoll imissli 'kuxtejja' u 'ibusni wkoll fuq xaghari'. In rigward dawn l-

allegazzjonijiet, hi spjegat li l-akkuzat beda jaghmilhom madwar erba' xhur wara li bdiet tattendi lezzjonijiet fir-residenza tal-akkuzat.  In oltre, kienet damet xi zmien sakemm qalet bihom lil ommha u dan wara li l-istess ommha kienet semghet programm 'in rigward problemi'.

Dwar Allison Pace, hi qalet li kienet tara 'l-istess affarijiet ... ... jigru fuq Allison' u t-tnejn kienu, ta' sikwit, tkellmu fuqhom u dwar meta kienu ser jinformaw lil ommhom.  Din il-minuri rreferiet wkoll ghal-imsemmija stampa (Dok ST) 'li kienet iddejjaqni' u li kienet tirraffigura mara gharwiena.

B'referenza ghaz-zewg ittri gia imsemmija, hi kkonfermat illi wahda minnhom kienet inkitbet minnha meta kienet wahidha izda wara li kienet qaltilha sabiex tiktibha Roberta Cassar l-imsemmija 'social worker'.

Allison Pace, il-minuri l-ohra nvoluta spjegat (fol 34 et seq ibid) li hi kienet tattendi ghall-lezzjonijiet ta' arti ghand l-akkuzat flimkien ma' Analise Azzopardi u dan kull nhar ta' Sibt ghal madwar saghtejn.  Xi kulltant, hi kienet tkun wahidha u dan meta habibitha kienet tkun marida, xi kulltant ma' ommha. Hi wkoll sostniet li s-'sir' "kien imissilna xagharna, sidirna ...  saqajna ... gieli minn fuq il-hwejjeg u gieli minn taht il-hwejjeg".

Minhabba hekk, hi kienet tiddejjaq waqt li l-akkuzat "kien isaqsina kemm inhobbuh" oltre li jbushom fuq xagharhom u jerfaghhom sabiex jara minn minnhom kienet l-itqal.

Hi wkoll semmiet l-istampa ta' "mara gharwiena" imwahhla mal-hajt u li kienet iddejjaqha.  Hi wkoll ikkonfermat li wahda mill-ittri gia msemmija kienet inkitbet minnha fuq suggeriment dejjem tal-istess 'social worker'.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni pproduciet diversi xhieda ohra specifikatament Agnes Pace, omm Allsion Pace (fol 36 u 37 u 57 tal-atti), PS 1257 Publius Ellul (fol 38 u 39 tal-atti) li xehed dwar kif kien sab l-imsemmija stampa imwahhla ma' vetrina  bi stampa ohra 'bil-fjuri' quddiemha, PC 1

<u>Reuben Mifsud</u> (fol 40), <u>WPS 24 Josephine Gauci</u> (fol 41) u <u>Anna Azzopardi</u> omm Analise Azzopardi (fol 42 u 57 et seq ibid). Din tal-ahhar irrakontat kif xahar qabel il-Milied, hi kienet qed tisma' programm radjofoniku, dwar pedofolija u ghalhekk hi qalet lill-istess bintha, Analise, sabiex toqghod tisimghu maghha 'sabiex ma jigix xi hadd u jipprova jaghmel xi haga bhal dak li kien qed jigi deskritt fl-istess programm'. Fi kliemha stess "dak il-hin it-tifla mmutat". In oltre, izda, wara li ghadda ftit ta' zmien, hi rat li bintha kienet 'xi ftit imdejjqa u tonfoh' jew inkella 'anzjuza', kif kien qalilha it-tabib taghha. Ghalhekk wara li kienet insistiet mal-istess bintha, din kienet qaltilha li ".. .. is-'sir' tal-pittura, cioe l-imputat kien missha". L-istess xhud semmiet wkoll li bintha kienet qed tbati minn "Eczema". Hawnhekk ta' min jinnota li gie prodott l-istess tabib bhala xhud, specifikatament it-Tabib <u>Dottor Wilfred Galea</u> (fol 27 sa fol 29 tal-atti) li semma li Analise Azzopardi ghal xi zmien, kellha problemi kronici u severi fil-gilda, cioe Eczema. L-ewwel darba li kien ezaminaha, in rigward din il-kundizzjoni, kien fis-16 ta' Gunju. In oltre, kien beda jinnota li l-istess minuri kienet nervuza u 'tense' minghajr pero, ma inghata xi raguni.

Illi <u>Roberta Attard</u> xehedet ukoll (fol 47 et seq ibid) u bdiet biex tghid kif saret taf b'dan il-kaz. Wara li kienet tkellmet maghhom, hi kienet innotat li l-minuri nvoluti kienu anzjuzi u rrabjati.

Ghalhekk hi stednithom sabiex jiktbu ittra kull wahda minhom u separatament, dwar x'kien qed ihossu in rigward dak li allegaw fil-konfront tal-akkuzat, liema ittri huma dawk gia msemmija u esebiti in atti. L-istess ittri kienu nkitbu mill-minuri waqt li dawn kienu fid-dar taghhom fl-assenza tax-xhud izda 'meta hallejt lit-tfal fir-residenzi rispettivi taghhom u kien hemm l-ommijiet taghhom".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sintetizzati l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, issa ser issir referenza ghal dawk prodotti <u>mill-akkuzat</u>, ragel mizzewweg b'zewgt'itfal.

Illi dan meta xehed a fol 94 kif ukoll fl-istqarrija tieghu bil-miktub u li tinsab a fol 26 spjega li fl-1991 kien tilef l-impieg tieghu bhala ‘manager’ fi club u minhabba hekk beda jbati minn ‘depression’. Fl-istess perjodu kienet mietet ommu li maghha kien marbut hafna. Wara li tilef l-impieg tieghu hu ddecieda li jghallem l-arti u ghal dan il-ghan kien juza kamra vicin il-kamra tal-hasil fuq il-bejt fir-residenza tieghu jew inkella s-salott. Bhala studenti kien ikollu tnejn kull darba b’lezzjonijiet kwazi kull jum nhar ta’ Sibt. Waqt l-istess lezzjonijiet kienet tidhol fil-kamra, martu.

In rigward iz-zewg minuri nvoluti f’dan il-kaz, dawn kienu jattendu kull nhar ta’ Sibt waqt li omm wahda minnhom kienet tmur nhar ta’ Hadd, stante li ma setghetx tmur flimkien ma’ bintha. In rigward l-akkuza migjuba kontra tieghu, l-akkuzat ripetutament kien qal li hu ‘kontra dawn l-affarijiet’. Dwar dan hu ssottometta “li l-istudenti tieghi gieli ghannaqthom pero mhux fis-sens hazin, kont nannaqhom minn qaddhom (jew mess xagharhom) ... ... peress li kont inhoss affezzjoni lejhom ... ... meta kienu jaghmlu x-xoghol sewwa”.

Hu eskluda li kellu xi gibda fizika lejhom anzi ‘nixtieqilhom gid mhux deni’ waqt li enfasizza li qatt ma kien miss xi qalziet ta’ taht tal-istess minuri jew wahda minnhom jew poggihom fuq hogru. Hu spjega ulterjorment li juza kliem bhal ‘hanini’ jew qalbi’ fil-konfront ta’ kull hadd, tista tghid bhala drawwa fuq ix-xoghol. Dwar l-istampa msemmija hu spjega li kien attent illi din ‘bhala nuda tkun moderata hafna’ u kienet mehuda minn magazine femminili disponibbli mill-hwienet relattivi. Hu semma li fuq l-istampa hemm mara “crouched” xagharha qed jghattiha ..... bhala purtiera” Mal-istess stampa kien hemm indendlin ‘pen and ink drawing’, paesagg u natura morta “..... biex nuri diversi aspetti artistici”. Hu kompla jghid li student iehor tieghu Ivan Zammit kien gablu ‘poster’ kbir hafna, liema ‘poster’ twahhal minnu fuq l-istampa in kwistjoni kif ukoll fuq l-ohrajn li diga ssemmew. Minhabba hekk, it-tfal in kwistjoni, qatt ma raw din l-istampa avolja setghet giet innotata minnhom, waqt li qatt ma gie

informat li kienet qed 'toffendihom' (ara wkoll ix-xhieda tal-imsemmi Ivan Zammit a fol 111 sa fol 118 tal-atti kif ukoll dik ta' mart l-akkuzat Euphrasia Cassar a fol 119 sa fol 128 ibid).

Ikkunsidrat

Illi in difesa gew prodotti psikologu u psikjatra specifikatament:
a) Dr Victor Shields, psikologu kliniku (a fol 131 et seq ibid) kien gie inkarigat mill-avukat difensur tal-akkuzat sabiex jaghmel 'assessment' psikologu tal-istess akkuzat, b'mod specjali vis-a-vis il-kaz in desamina. Jigi nnotata illi a fol 143 ibid jinghad 'L-impressjoni tieghi hi li l-orjentament ta' Mr Cassar hi wahda etrosesswali, fi kliem iehor, normali'. Di fatti, skond l-istess xhud, adulti b'orjentazzjoni sesswali lejn minorenni, bhala regola, ma jkollhomx 'vizjoni cara tal-orjentazzjoni sesswali taghhom'. Di fatti wara li kkunsidra dak li ghadu kif gie premess, kif ukoll fatturi ohra rizultanti minn dak sottomess mill-istess xhud minn fol 132 sa fol 148, ix-xhud sab li ma hemm ebda indikazzjoni li l-akkuzat hu psikotiku u dan jifhem sewwa l-konsegwenzi tal-imgieba tieghu kemm jekk tajba kemm jekk hazina u b'hekk hu kapaci li jhoss sens ta' htija, ad eskluzzjoni ta' mentalita kriminali. L-akkuzat gie deskritt bhala 'bniedem kapaci jikkontrolla lilu nnifsu, izda bhala bniedem 'introvert' u 'maqtugh ghalih wahdu' mill-lat socjali (ara fol 10 sa 18 tar-rapport maghmul mill-istess xhud ossija a fol 140 sa fol 148 tal-atti b'mod specjali).

b) It-tabib psikjatra konsulent David Cassar (fol 158 et seq ibid) beda biex issottometta illi l-akkuzat, pazjent tieghu, kien qed ibati minn anzjeta kbira (ara wkoll fol 76, 78, 81, 83, 85, 88, 89 u 90 tal-atti). Mill-lat emottiv, hu jbati minn insikurezza u vis-a-vis it-tfal jista jkun, fi kliemu stess, "aktar fiziku" fis-sens, li, per ezempju jpoggi idu fuq l-ispalla taghhom. "Pero, nghid kategorikament li l-akkuzat ma hux psikotiku', peress li hu jista japprezza u jara "dak li hu hazin minn dak li hu tajjeb" kif ukoll il-konsegwenzi ta' imgieba hazina da parti tieghu. In oltre hu jixtieq li jkollu relazzjoni tajba u dan mhux fis-sens hazin, lejn it-tfal, billi juri "certu affett" lejhom permezz tat-tpoggija ta' idu fuq

spallithom. L-istess xhud ikkonkluda billi qal b'mod specifiku "mal-akkuzat tkellimt fil-profond. Jiena ma sibt l-ebda evidenza ta' pedofolija fih".

Illunsidrat

Illi sa issa gew sintetizzati l-provi kollha sottomessi mill-partijiet u ghalhekk l-istess Qorti ser tara jekk fl-isfond tal-istess provi, l-akkuzat ikkommetta r-reat, ossija delitt, addebitat lilu cioe korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta fil-konfront ta' persuni li ma jkunux ghalqu l-eta ta' tnax il-sena u dan minn persuna, l-akkuzat, li kellu fdati f'idejh l-istess minuri ghall-iskop ta' edukazzjoni jew taghlim (l-artikolu 203 (1) (a) (c) hawn fuq imsemmi).
Illi dan premess jidher evidenti li dan il-kaz hu wiehed gravissimu, stante, li kif diga inghad, jinvolvi akkuzat fdat bit-taghlim ta' zewg minuri (ara fol 53 u 54 tal-atti) mill-genituri rispettivi ta' dawn u li fil-konfront tieghu saru l-allegazzjonijiet kif kontenuti fix-xhieda tal-istess minuri.
Illi dawn il-kazijiet delikati, minn natura taghhom stess, jinvolvi studju minuzzjuz u fit-tul tal-istess provi sabiex il-Qorti tara jekk a bazi taghhom l-akkuzat ikkommettiex l-imsemmi delitt "beyond a reasonable doubt" ossija li l-Qorti hi konvinta moralment u legalment li l-akkuzat ikkommetta dak addebitat lilu minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni dwar dan.
Illi dan premess, jidher li l-provi a bazi tal-akkuza huma is-segwenti:

a) L-istampa imsemmija

In rigward l-istampa annessa mal-atti a fol 26 ghandu jinghad li l-artikolu 203 citat jirreferi ghal "eghmil zieni". Ghalhekk jidher evidenti li stampa 'per se' ma tikkostitwix ir-reat in ezami li jirrekjedi atti maghmulin fuq il-persuna jew fil-presenza ta' minorenni, liema atti huma idonei sabiex min iwetttaq l-istess reat jista jkollu gratifikazzjoni sesswali. In oltre, ta' minn jghid ukoll li l-istess stampa, oggettivament, ma tistax tigi kkunsidrata bhala oxxena, fatt ammess mill-istess prosekuzzjoni.

b) Dwar l-ittri miktubin mill-istess minuri.

Il-Qorti tghid minnufih li ghandha rizervi dwar jekk dawn inkitbu effettivament mill-istess minuri. Kien ikun opportun illi l-istess ittri jinkitbu mill-istess minuri, taht is-

supervizzjoni diretta ta' persuna ndipendenti mill-familji nvoluti. Fil-fatt l-istess 'social worker' xehedet li dawn inkitbu fl-assenza taghha, fid-dar ta' residenza tal-istess minuri izda presenti familjari taghhom. In oltre, jekk jigu ezaminati l-ortografija u l-kaligrafija, ghandu jitnissel dubbju serju dwar jekk dawn inkitbu mill-minuri, specjalment jekk wiehed jara kif certi kliem difficli ortografikament, inkitbu b'mod korrett.

c) L-allegazzjonijiet gravi li saru mill-istess minuri fil-konfront tal-akkuzat jinsabu konfermati, taht gurament, fix-xhieda taghhom. Pero l-Qorti abbinat l-istess allegazzjonijiet ma' dak li xehedu Dottor Victor Shields u Dottor David Cassar, li, tista tghid, eskludew illi l-akkuzat ghandu orjentament sesswali li jaghmel atti zienja fuq minorenni. Anzi issottomettew, li mill-ezamijiet li ghamlu, kien jidher li l-akkuzat ghandu inklinazzjoni sesswali normali vis-a-vis nisa maturi, oltre l-eta tal-kunsens.

Illi in konkluzjoni, l-istess Qorti ma setghetx, b'mod pakat u sever, tikkonkludi li l-akkuzat ikkommetta l-atti addebitati lilu. Jinghad ukoll li l-akkuzat dejjem cahad li ghamel xi atti zienja fuq l-istess minuri izda mill-bidu nett ammetta li kien jaghmel gesti affettivi fil-konfront taghhom, liema atti jistghu jammontaw biss ghal kunfidenza zejda izda mhux ghal atti zienja idonei ghal certa gratifikazzjoni sesswali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------